Nru. 396

AWTORITÀ TA' L-IPPJANAR

Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni Artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-proprjetà li ġejja, jiġifieri l-Knisja Parrokkjali l-Qadima, Triq il-Knisja l-Qadima, is-Siġġiewi, (ara l-pjanta f'paġna 3076) tista' tkun ta' valur arkitettoniku u storiku ħekk li għandha tkun inkluża fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetà msemmija tinsab fil-periklu li tiġi demolita, danneġġata jew distrutta.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni għar-rigward tal-Proprjetà msemmija hawn fuq, skond artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Il-Knisja u l-art madwara murija fil-pjanta mehmuża għandha titqies bħala bini ta' Grad 1, skond il-*policy* UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura peress li għandhom valur storiku.

(ii) Ma jistgħux isiru xogħlijiet jew alterazzjonijiet f'ebda parti tal-Knisja.

(iii) Kull żvilupp, tibdil jew interventi oħra fuq il-proprjetà msemmija, li jistgħu jkunu permissibbli, għandhom jiġu approvati minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar wara konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien 6 xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-proprjetà tiġi demolita jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

No. 396

PLANNING AUTHORITY

Emergency Conservation Order Section 47 of the Development Planning Act 1992

THE Planning Authority believes that the following property, namely the Old Parish Church of Siġġiewi, Triq il-Knisja l-Qadima, Siġġiewi, (see site plan on page 3076) could be of architectural and historical value such that it should be listed as Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the property is in danger of being demolished, damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with section 47 of the Development Planning Act.


(i) The church and the buffer zone around it are to be considered as a Grade 1 property as per Structure Plan Policy UCO 7 by virtue of their historic value.

(ii) No alterations will be permitted to any part of the church.

(iii) All developments, alterations or interventions on the above property, which might be permissible, must be approved in advance by the Planning Authority in consultation with the Museums Department.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this order.

If the property is demolished or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in section 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.


TRIQ IR-REBBIEGHA
TRIQ IN-NEVIST
TRIQ IL-KANTUNIERA
TRIQ BARI
N
Land around the old Parish Church of Siggiewi.
Part of S.S. 4867/4868
scale 1:2500